MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 385/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Edmond Cuschieri)
Vs
Edward Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-19 ta' Gunju, 2009 go fond "Pezul Lodge" il-Wardija l/o San Pawl il-Bahar, bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil martu Mary taghtik bil-forza arlogg tad-djamanti li jiswa LM 5,000 (liri Maltin).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2009, li biha, peress illi mill-provi ma rrizultax li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' ragion fattasi kontemplat fl-artikolu 85

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet eneucazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-appellant mill-proceduri odjerni;
2. Illi mill-mod u manjiera ta' kif dan l-arlogg kien qed jigi pretiz da parti tal-appellat kif ukoll mill-informazzjoni li hu stess ta lill-Pulizija meta gie mitkellem, jidher illi hu ppretenda li kellu dritt ghal dak l-arlogg bhala kontribuzzjoni ta' l-affarijiet prezzjuzi li martu kienet hadet mir-residenza taghhom.  Dan allura jidher illi jinkwadra fit-tieni element ta' dan ir-reat;
3. Illi dan ifisser illi min qed jikkommetti r-reat irid ikollu x-xjenza li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.  Nafu kemm minn kliem il-kwerelanta kif ukoll minn dak li stqarr l-appellat illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u meta wiehed iqis il-motivazzjoni tal-appellat li jiehu l-arlogg in kwistjoni, jidher ampjament car li semmai dan id-dritt seta' gie ezercitat permezz ta' proceduri civili waqt il-qsim tal-oggetti bejn il-konjugi fil-kors tas-separazzjoni legali.  Kwindi ma kellux ghalfejn igib ruhu b'dan il-mod peress li kien hemm rimedju legali li seta jiehu jekk hass li kellu tali dritt.  Madankollu hu minflok ha l-ligi f'idejh;

4. illi huwa bla dubbju wkoll il-fatt li l-appellat ma kellu l-ebda dritt effettiv li jiehu dan l-arlogg minn martu konsiderando li din kienet donazzjoni li ma jidhirx li saret in kontemplazzjoni taz-zwieg izda waqt iz-zwieg, izda peress li din tinkwadra f'materja ta' natura civili tajjeb li dan il-punt jigi ttrattat mill-Qorti kompetenti. Dan il-fattur pero' hareg car mill-provi li ngabu u fil-fatt waslet ghall-pretenzjoni kontra l-ligi u bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali kif kommess indubjament mill-appellat.

Ikkunsidrat :

Illi fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2010 id-difiza qajmet eccezzjoni tal-inapellabilita' ta' din il-kawza peress illi r-reat ta' ragion fattasi jimposta piena ta' massimu ta' tlett xhur u ghalhekk l-Avukat Generali mhuwiex awtorizzat illi jappella hlief fuq punt ta' dritt.

Bhala dikjarazzjoni ta' ligi din l-eccezzjoni mhi hix qed tigi kontestata, biss l-Avukat Generali jghid illi qed jibbaza l-appell tieghu peress illi saret enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Fil-fatt fl-appell tieghu l-Avukat Generali jghid li l-Ewwel Qorti *"ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotezi tal-ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien lill-imputat mill-proceduri odjerni ......."*

Wara li l-Avukat Generali ta l-fatti ta' dan il-kaz, ghadda biex ikkunsidra l-elementi kostitwivi tar-reat ta' ragion fattasi u argumenta illi dawn kellhom japplikaw fil-kaz kontra l-appellat Edward Cassar.

Ikkunsidrat :

Peress illi din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari biss, il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati biex tara jekk l-appell tal-Avukat Generali huwiex ibbazat fuq punt ta' dritt jew inkella fuq fatti. Irrizulta illi din is-sentenza ma kkunsidrat xejn u zgur li ma dahlitx fl-elementi kostitwivi tar-reat ta' ragion fattasi. Fil-fatt is-sentenza kull ma tghid *"peress illi mill-provi ma jirrizultax li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta'*

*ragion fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza ...."*

Kwindi din il-Qorti m'ghandix il-konfort tal-hsieb tal-Ewwel Qorti li wassluha ghall-liberatorja tal-imputat u ghalhekk ma tistax tghid hekk dawn il-hsiebijiet kienux legalment korretti jew le.

Peress illi f'Awla ta' Qorti huma l-provi li jiddeterminaw htija o meno jkun perikoluz li jigi priev dritt ta' doppju ezami fuq assunsjoni li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat l-aspett legali tal-kawza b'mod korrett.

Din il-Qorti ma tista' tassumi xejn, la naha w lanqas l-ohra. Huwa skanz ta' periklu ta' xi "traversity of justice" ikun aktar ekwu li l-bilanc jaqa' favur rikonsiderazzjoni tal-kawza biex b'hekk jigu assigurati d-drittijiet ta' kulhadd involut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-eccezzjoni preliminari imqajma mid-difiza fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2010 u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------